MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 76/2004

Carmel Attard,
Angela mart Emanuel Azzopardi,
Michael Attard,
Antonio Attard,
U
Victoria mart Joseph Cacciattolo.

vs

Maryanne mart George Attard.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi l-partijiet aħwa Attard huma l-eredi universali tad-defunti Paul u Alfonsa Attard, skond testment unica charta tat-3 ta' Ottubru 1948, kopja hawn annessa u markata Dok MA 1;

Illi parti mill-wirt parafernali tad-defunt Paul Attard, li miet fit-8 ta' Ottubru 1948 skond l-anness ċertifikat tal-mewt markat Dok MA 2, jikkonsisti f'fond numru 12, 13, 14 15, Triq it-Tigrija Xagħra, u liema fond kien soġġett ghal l-użufrutt ta' Alfonsa Attard *vita durante;*

Illi Alfonsa Attard mietet nhar il-21 ta' Marzu 2003 skond l-anness ċertifikat markat Dok MA 3 u kwindi l-fond de quo ġie liberat mill-użufrutt li kien soġġett għalih u l-partijiet saru padruni assoluti tal-fond indiviżament fi kwoti indaqs bejniethom;

Illi l-konvenuta qed tokkupa l-fond de quo mingħajr titolu validu fil-liġi kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif ġia ġie dikjarat f'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Marzu 1980 (Citaz. Nru. 89/1978/VCC), ad esklużjoni ta' l-atturi, mingħajr il-kunsens tagħhom u bla ma qatt ħallset kera jew kumpens;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu in komproprjeta' mal-konvenuta rigward il-fond de quo;

Illi l-konvenuta minkejja li interpellata diversi drabi biex tivvaka l-post sabiex jinbiegħ din baqgħet inadempjenti;

Illi l-atturi minħabba l-inadempjenza tal-konvenuta qed isofru danni inġenti.

Talbu lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-fond numru 12, 13, 14 15, Triq it-Tiġrija, Xagħra huwa proprjeta' tal-partijiet indiviżament fi kwoti indaqs bejniethom;

2. Tiddikjara li l-konvenuta qed tokkupa l-fond numru 12, 13, 14, 15, Triq it-Tiġrija, Xaghra bla titolu validu fil-liġi u li kkawżat danni inġenti versu l-atturi;

3. Tordna lill-konvenuta sabiex tivvaka l-fond de quo fi żmien qasir u perentorju;

4. Tinnomina periti arkitetti sabiex javvalutaw il-fond de quo u sabiex jillikwidaw id-danni kaġunati mill-konvenuti u sofferti mill-atturi;

5. Tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond de quo bil-prezz minimu li jiġi ffissat mill-periti nominandi jew bl-aħjar prezz fis-suq;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' bejgħ bis-subbasta;

7. Tiffissa lok, ħin u data għal meta l-kuntratt għandu jkun ippubblikat;

8. Tordna lill-konvenuta sabiex taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u fin-nuqqas li tidher, tinnomina kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-konvneuta fl-eventwali kontumaċja tagħha;

9. Tordna sabiex ir-rikavat tal-bejgħ tal-fond de quo jinqasam f'partijiet uġwali biex jiġu mqassma lill-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom;

10. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata mill-periti bħala danni sofferti minnhom.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuta minn issa inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzoni tal-fatti ta’ l-atturi maħlufa minn Michael Attard.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet :

1. Illi l-ewwel (1), il-ħames (5) u d-disa' (9) talba tal-atturi huma *res judicata* stante illi dawn diġa' ġew deċiżi fil-kawża fin-numru 89/1978 fl-ismijiet 'Alfonza armla ta' Pawlu Attard vs Maryanne mart George Attard' deċiża fl-erbatax (14) ta' Marzu 1980 mill-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex fil-kompetenza Superjuri bħala Qorti

taċ-Ċivili. Fis-sentenza tagħha dik l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi l-fond bin-numri tnax (12), tlettax (13), erbatax (14) u ħmistax (15) fi Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex jiġi mibjugħ in liċitazzjoni u r-rikavat tiegħu jinqasam bejn kontendenti skond il-kwoti rispettivi tagħhom. Dan huwa preċiżament li qed jerġgħu jitolbu illum l-atturi. Oltre dan l-konvenuta qatt ma oġġezzjonat li dan il-fond jinbiegħ bis-subbasta u r-rikavat jinqasam u dan kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għaldaqstant dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda u hija ma għandha tbati l-ebda spejjeż.

2. Illi t-tieni u t-tielet talba tal-atturi huma wkoll *res judicata* stante illi l-istess atturi kienu istitwew kawża kontra l-konvenut liema avviż jġib in-numru 41/1980 fl-ismijiet 'Alfonza armla ta' Pawlu Attard et vs Maryanne mart George Attard'. Permezz ta' dan l-avviż l-atturi kollha flimkien ma ommhom Alfonsa Attard kienu talbu lil Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-konvenuta qed tokkupa l-fond mertu ta' din il-kawża mingħajr l-ebda titolu validu fil-Liġi (l-istess bhat-tieni talba) u sabiex tiġi ordnata tivvaka l-post (l-istess bhat-tielet talba). Din il-kawża ġiet deċiża b'sentenza tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Awissu 1981 mill-Maġistrat Dr. Victor Caruana Colombo fejn il-Qorti ċahdet it-talbiet tal-atturi. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' it-tieni u t-tielet talba tal-atturi.

3. Illi l-konvenuta ma kkaġunat l-ebda danni fil-fond mertu ta' din il-kawża stante illi hija kull ma għamlet kienet li okkupat dan il-fond bħala ko-proprjetarja kif deċiż fis-sentenza hawn fuq indikata. Għaldaqstant ir-raba' (4) talba, in kwantu l-atturi talbu li perit nominat minn din il-Qorti jillikwida d-danni kkaġunati mill-konvenuta u sofferti mill-atturi, u l-għaxar (10) talba għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;

4. Illi s-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) talba tal-atturi huma għal kollox konflinġenti għall-ħames (5) talba u għalhekk għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-atturi. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kuntratt ta' bejgħ bis-

subbasta stante li din issir mir-Reġistratur tal-Qorti u konsegwentement ma tistax tiffissa lok, ħin u data għal meta għandu jkun pubblikat il-kuntratt kif ukoll li tordna lill-konvenuta tidher għall-kuntratt u fin-nuqqas tinnomina kuraturi deputati.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta debitament maħlufa minnha.

Rat il-verbal Tagħha tal-5 ta' Diċembru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi s-sentenza odjerna tittratta żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta dwar ir-*res judicata,* billi hija ssostni illi diversi talbiet mertu tal-kawża preżenti ġia ġew deċiżi b'mod definittiv minn din il-Qorti[1] u minn din il-Qorti fil-kompetenza Inferjuri tagħha.[2] Il-kwistjoni li trid tiġi għalhekk risolta permezz tas-sentenza preżenti, tirrigwarda l-fatt jekk jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa sabiex jirnexxu tali eċċezzjonijiet, u ċioe' dawk ta' l-*eadem res, persone*, u *causa.* Dan ifisser illi fir-rigward ta' kull każ fiż-żewġ kawżi, sew dik ġia deċiża kif ukoll dik pendenti, irid ikun hemm l-istess oġġett, l-istess partijiet u l-istess mertu.[3]

Nibdew mill-**ewwel eċċezzjoni** li tittratta l-ewwel (1) il-ħames (5) u d-disa' (9) talbiet. F'din l-eċċezzjoni l-konvenuta tirreferi għall-kawża ta' likwidazzjoni u diviżjoni

---

[1] Citaz. nru. 89/1978 fl-ismijiet: Alfonsa armla ta' Pawlu Attard et vs. Maryanne mart George Attard deciza fl-14 ta' Marzu 1980; Dok. A a fol. 24 - 27 tal-process
2 Avviz nru. 41/1980 fl-ismijiet Alfonza Attard et vs Maryanne Attard, deciza minn dik il-Qorti fis27 ta' Awissu 1981
[3] Ara Prim'Awla 25.9.2003: Charles Cortis vs Francis Aquilina et.

tal-eredita ta' Paul Attard, missier il-kontendenti.[4] Mhux kontestat illi ż-żewġ kawżi jittrattaw l-istess proprjeta' u ċioe' l-fond bin-numri tnax (12), tlettax (13), erbatax (14) u ħmistax (15) Triq it-Tigrija, Xagħra. Fil-kawża preċedenti, pero', ssemmiet ukoll porzjon art magħrufa bħala "ta' l-Ehżien" fil-limiti tax-Xagħra. Madankollu dan ma jnaqqas xejn mil-fatt illi l-fond immobbli huwa l-istess wieħed fiż-żewġ kawżi. Fir-rigward tiegħu jeżisti għalhekk l-ewwel element ta' l-*eadem res*.

Jirriżulta wkoll illi l-kontendenti fil-kawża preżenti kienu kollha pparteċipaw f'dik il-kawża, bid-differenza biss illi dakinhar kienet dehret ukoll ommhom li kienet għadha ħajja u li kellha l-usufrutt tal-beni ta' żewġha. Mit-testment *unica carta* tal-ġenituri tal-kontendenti esebit mill-atturi flimkien ma' din iċ-ċitazzjoni,[5] jirriżulta illi l-istess kontendenti ta' llum huma lkoll l-eredi ta' Alfonsa Attard, u għalhekk jidhru minflokha. Jeżisti wkoll l-element ta' l-*eadem personae*.

Jibqa' biss għalhekk sabiex jiġi determinat jekk il-mertu fiż-żewġ kawżi huwiex simili wkoll. L-atturi b'dawn it-tliet talbiet fil-kawza preżenti qed jitlobu:

i. bl-ewwel talba : dikjarazzjoni li l-fond bin-numri msemmija huwa proprjeta' tal-partijiet indiviżament fi kwoti ndaqs bejniethom. Din it-talba ġiet effettivament deċiża minn din il-Qorti bis-sentenza msemmija tagħha tal-1980, meta ddikjarat illi dan il-fond kien jappartjeni lill-assi parafernali ta' missier il-kontendenti u li dawn kienu l-eredi tiegħu;

ii. bil-ħames talba : li jiġi ordnat il-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond *de quo* bil-prezz minimu li jiġi ffissat mill-periti nominandi jew bl-aħjar prezz tas-suq; dan huwa appuntu x'ordnat il-Qorti b'dik is-sentenza meta laqgħet il-ħames talba;

---

[4] citaz. nru. 89/1978 gia citata
[5] ara testment in atti Nutar Francesco Refalo tat-3 ta' Ottubru 1948; Dok. MA a fol. 5 - 8 tal-process

iii. bid-disa' talba : li jiġi ordnat li l-rikavat tal-bejgħ tal-fond *de quo* jinqasam f'partijiet ugwali biex jiġu mqassma lill-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom; dan ukoll ġie deċiż bl-istess sentenza, bid-differenza illi, peress li dakinhar l-omm kienet għadha ħajja u kellha dritt tgawdi l-użufrutt fuq il-beni ta' żewġha, ir-rikavat kellu jiġi depożitat f'sitt kontijiet bankarji daqs kemm kien hemm werrieta sakemm kienet għadha ħajja, biex hija tkun tista' tieħu l-interessi fuqhom; ħaġa li ovvjament llum mhix meħtieġa billi ġie termnat dan l-użufrutt bil-mewt ta' l-omm.[6]

Huwa għalhekk evidenti illi b'dawn it-talbiet odjerni l-atturi llum ma jistgħu jakkwistaw xejn iżjed minn dak li kienu ħadu bis-sentenza preċedenti. Dakinhar ġiet ordnata, *inter alia*, il-liċitazzjoni ta' dan il-fond, u issa inutilment qed jerġgħu jitolbu l-liċitazjoni tiegħu, meta kull ma kellhom jagħmlu, peress illi għaddew iżjed minn ħames snin minn meta ingħatat dik is-sentenza, kien illi jippreżentaw rikors a tenur ta' l-artikolu 258 tal-kap.12, li bih jikkonfermaw bil-ġurament li dik s-subbasta kienet għadha ma saritx. Konsegwentement jeżisti wkoll it-tielet element ta' l-*eadem causa petendi* u din l-eċċezzjoni timmerita li tiġi milqugħa.

Niġu issa għat-**tieni eċċezzjoni**. Hawn ukoll qed tiġi eċċepita r-*res judicata* fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba. Il-konvenuta tikkontendi illi dawn it-talbiet kienu proprju jifformaw il-mertu ta' kawża għall-iżgumbrament tal-konvenuta mill-istess fond bin-numri ndikati fil-kawża preżenti u li ġiet deċiża minn din il-Qorti fil-kompetenza Inferjuri tagħha fil-kawża msemmija.[7] Minn eżami tas-sentenza f'dik il-kawża jirriżulta illi hawnhekk ukoll għandna l-istess *res* u ċioe' d-dar fix-Xagħra bin-numri ndikati; l-istess *personae*, bid-differenza, kif kien ġara fil-kawża l-oħra tad-diviżjoni, li dakinhar ipparteċipat ukoll l-omm li kienet għadha ħajja; u l-istess *causa petendi* u ċioe' li l-konvenuta Maryanne Attard qed tokkupa dan il-fond mingħajr titolu validu fil-liġi. Intant f"dik is-sentenza kien ġie deċiż illi l-konvenuta kienet qed tokkupa dan il-

[6] ara ċertifikat tal-mewt ta' Alfonsa Attard a fol 33 tal-process
[7] avviz. nru. 41/1980 gia ccitata .

fond bħala komproprjetarja, u għalhekk it-talba għall-iżgumbrament tagħha mill-istess fond ġiet miċħuda. Kif jammettu l-atturi fiċ-ċitazzjoni odjerna "*l-fond numri 12, 13, 14, 15 Triq it-Tiġrija, Xagħra, huwa proprjeta' tal-partjiet indiviżament u fi kwoti ndaqs bejniethom*," u għalhekk il-konvenuta għadha tgawdi l-pożizzjoni ta' komproprjetarja ta' l-istess fond. Għaldaqstant ġialadarba fis-senteza tal-1981 ġie deċiż li Maryanne Attard kellha kull dritt tokkupa dan il-fond bħala komproprjetarja, ma tistax din il-Qorti issa tibdel dik id-deċiżjoni li ilha daqstant snin li għaddiet in ġudikat.

Kif ġie ribadit mill-qrati tagħna : " … *l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat*."[8]

Billi għalhekk jirriżulta li anke hawnhekk jikkonkorru t-tliet elementi meħtieġa sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, l-attur ma jistax jirnexxi lanqas fir-rigward tat-tieni u tielet talba tiegħu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi kawża billi :

1. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta tar-*res judicata* fir-rigward ta' l-ewwel (1), il-ħames (5) u d-disa' (9) talba, u

2. tilqa' wkoll it-tieni eċċezzjoni tagħha tar-*res judicata* fir-rigward tat-tieni (2) u tielet (3) talba;

bl-ispejjeż ta' dawn it-talbiet kontra l-atturi;

u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-oħra.

---

[8] Cortis vs Aquilina gia citata.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------